MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru. 424/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**PHILIP ZAMMIT maghruf bhala PHILIP ZAMMIT BRIFFA ta’70 sena iben Carmelo u Carmela nee’ Briffa, imwieled Sliema nhar id-29 ta’ Lulju 1936 u residenti 35, Dar il-Mithna, Triq Santa Marija, Balzan detentur tal-karta ta’l-identita 0543436(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Philip Zammit li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ikkaguna griehi;

a. ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Herman Zammit li ghandu I.D.305466(M) skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatys M.D. (reg. 2788) tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;

b. u aktar talli ikkaguna griehi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Carmen Stivala I.D. 529525(M) skond kif iccertifika Dr. Stephen Muscat M.D. (reg. 1455) tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;

c. u aktar talli ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Roseanne Zammit I.D. 0005367(M) skond kif iccertfika Dr. Thomas Armatyst M.D. (reg. 2788) tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa

2. saq b’manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dana bi ksur ta’l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, meta habat ma’ vettura IAW 063 u ikkawza hsara involontarja fuq l-istess vettura.

3. talli saq vettura u ipprova isuq jew kien fil-konroll ta’ motor car jew vettura ohra cioe’ vettura FBL207 li tkun fi triq jew f’post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nofs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi iddispjacih ghall-akkadut, ghandu fedina penali kwazi netta u li ammetta f’dana l-istadju tal-proceduri u ghalhekk ma tqisx illi piena ta’ prigunerija hija idoneja ghal dana il-kaz. Madanakollu dana kien incident stradali li sehh b’konsegwenza tal-fatt illi l-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu meta huwa kien fi stat ta’ sokor u ghalhekk ma setax ikollu il-kontroll shih fuq l-istess vettura tant illi qieghed il-hajja ta’ diversi nies fil-perikolu u sahansitra wahda mill-vittmi sofriet griehi li x’aktarx ma hijiex ser tfieq minnhom minhabba l-eta avvanzata taghha. Huwa minnu illi dana jidher li kien incident izolat, izda l-imputat ma qiesx il-konsegwenzi ta’l-azzjonijiet tieghu li kienu f’dana il-kaz konsegwenzi kemmxejn serji.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’l-imputat u wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(b), 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 15(1)(a)(2), u 15(H) (1) issib lill-imputat Philip Zammit hati u tikkundannah ghal multa ta’ Lm2500.

Il-Qorti inoltre qieghda tiskwalifika lill-hati milli ikollu jew jikseb licenjza tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------